TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 174/12-F

**John Formosa**
**vs**
**Swan Laundry & Dry Cleaning**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u hamsin ewro (€150), rappreżentanti prezz ta' ġakketta li wara li ħadha għal *dry cleaning* spiċċat kollha mtebba'.

Is-soċjeta' ntimata ippreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-ġakketta għal *dry cleaning* u wara li sarilha l-proċess ta' *dry cleaning*, xorta baqgħet bit-tbajja.

L-intimat issottometta li l-ġakketta kellha ħafna marki li kienu evidenti li kienu ta' *wear and tear* u li dak li ġara kien riżultat tal-*wear and tear*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal iħoss illi s-soċjeta' ntimata hija l-esperta f'dan il-każ, illi jekk verament kien hemm ħafna tbajja li kienu riżultat ta' *wear and tear* u li għalhekk ma jmissux isir id-*dry cleaning*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' ħamsin ewro (€50), b'dan illi l-ġakketta tibqa' tar-rikorrenti wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888